# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 59

17 t'Ottubru, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.30pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajda – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Stephen Gauci bagħat imejl li għar-raġunijiet personali u L-ambaxxatur taż-żagħżagħ ċemplet il-kunsill li hija ndisposta.

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Agent Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 59

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 58
59.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
59.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
59.6 Komunikazzjoni;
59.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
59.8 Attivitajiet
59.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2023;
59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 58

59.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 58 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mid-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 59.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

59.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

59.3.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li l-proġett tal-pjazza issa qed jieħu dimensjoni oħra u l-kuntrattur issa beda jpoġġi l-madum quddiem il-każini u jibqa tiela l-fuq. Is-Sindku qal li ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur illi hemm ħafna toqob li jistgħu jkun ta' periklu ta' saħħa u sigurta u dawn iridu jitgħattew b'xi pjanċi tal-ħadid jew xi materjal ieħor,anki għal-fatt li hemm ħafna servizzi għaddejjin. Il-kuntrattur stqar li għadu jistenna r-recessed main holes ta' daqs differenti ħlief 60x60 biex ikun jistew jitpoġġew. Il-kuntrattur laqat il-fibre optic tal-GO fil-jiem li għaddew li affetwa d-distribuzzjoni tas-servizzi tal-bank of Valletta li jinsab fil-pjazza u l-kumpanija GO qed tipprovdi soluzzjoni alternattiva fuq linja oħra. Is-servizzi ta' Cocco Palmieri qed jkunu provduti minn linji differenti. Propju llum ġew ħaddiema tal-GO biex jieħdu permess ikunux jistew jieħdu permess li jgħaddu mis-service culvert, liema talba trid tiġi mibgħuta imejl lill-kunsill u eventwalment tingħata approvazzjoni mil-kunsill.

59.3.3 Ilbieraħ ġie il-Kuntrattur tal-kumpanija Ħal Mann li ħa jagħmel il-bonovastru taz-zuntier. Is-Sindku qal li ma kien kuntent xejn għal-fatt li l-kunsill ilu l-fuq minn sena jitlob sample tal-bonavostri proposti għaz-zuntier u sal-illum għadu ma wasalx. Il-kuntrattur qal li qed jistenna minn naħa tas-surveyer biex itih xi survey b'xi points. Is-Sindku talab b'urġenza laqgħa mal-kuntrattur tal-pjazza għal-fatt li l-proġett kwazi wasal fil-parti konklussiva u dawn il-bonavavostri għadhom lanqas biss hemm sample tagħhom. Il-project Manager flimkien mal-perit ġew infurmati bil-laqgħa li se jsir nhar il-Ħamis fl-4.30pm. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri biex jekk ikunu disponibbli, jmorru għal din il-laqgħa. L-aġent segretarja saqsiet dan id-dewmien tal-bonavostri hux se jaffetwa fuq it-tlestija tal-proġett, bis-sindku jwieġeb li huma dejjem tkellmu fuq il-pavimentar tal-pjazza bħala timeframe. Il-kunsillier Tewma qal li hija tal-mistħija li dawn is-sample mhumiex lesti wara daqshekk tul ta' żmien u s-Sindku saħaq li jekk ikun hemm iktar dewmien, tinħareġ penali skond il-kuntratt stipulat. Il-kunsill mhux se jaċċetta iktar skużi.

59.3.4 Is-Sindku qal li jinsab iddiżappuntat u rrimarka wkoll lill-kuntrattur konċernat li qed ikun hemm ħafna terapien u skart ta' kostruzzjoni fil-pjazza, li barra għal-fini estetika huwa wkoll ta' periklu fejn jidħol s-saħħa u s-siġurta tan-nies. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li twaħħlu l-ħadid tal-fanali mingħajr ma dawrulhom xi tip ta barriers biex jiġi evitat il-periklu. Il-'health and Safety Officer għamel ir-rapport tiegħu b'dawn il-perikli kollha u għaddieh lill-kuntrattur. Is-Sindku saħaq li l--pjazza hija ffrekwentata min ħafna nies, jgħaddu ħafna karozzi u hemm stabillimenti tan-negozju hu għalhekk il-perikli jridu jiġu mminimizzati u jirrispetta lill dawn in-nies.

56.3.5 Il-perit talab u din irrimarkaha kemm il-darba anki permezz ta' imejl, biex isir il-'grouting' tal-pavimentar biex dan ma jiċċaqlaqx, u din se tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Ħamis li gej. Is-Sindku kompla billi qal li sar ħafna xogħol fosthom il-bankini ta' faccata tal-każini. Il-Viċi Sindku saqsiet fuq rimarka mingħand resident x'ħa jigri fuq is-siġar li kien hemm qabel billi dawn se jkunu ġodda, hux se jkunu ġo pots jew inkella jitħawwlu ġo konka. Is-Sindku qal li diġa saru l-konok pero dawn ġew mgħottija permezz ta' saff irqiq ta' cement waqt il-festa biex jiġi evitat il-periklu. Eventwalment dan ic-cement se jitkisser,titnaddaf il-konka u jitħawwlu s-siġar. Il-kunsillier Tewma saqsa l-ħamrija tbiddlitx, bis-Sindku jwieġeb li iva se ssir ħamrija ġdida fin-negattiv u qal li dan huwa f'idejn l-kuntrattur Xerri's Gardening biex jagħmel dan ix-xogħol.

59.3.6 Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni, li fl-opinjoni tagħha fejn ħierġa l-bankina l-barra din qed tidher li qedha ġejja għal-ponta. Il-kunsillier Bajada qal li baqa x-xogħal xi jsir u eventwalment tieħu dimensjoni oħra xħin jitkompla l-proġett u jsiru l-linji ma' l-art. Is-Sindku qal li ma ninsewx li jrid isir il-gutter li jrid jeħel mal-kurduna tal-bankina.

59.3.7 Rigward procurement li baqa għal dan il-proġett tal-pjazza, huwa t-tender ta' l-għamara li jinkludu l-bankijiet, pots,bins, tabelli etċ.

59.3.8 Is-Sindku ħabbar ukoll li l-Ministeru għal Għawdex approva t-talba tal-kunsill permezz ta' emejl rigward l-isem ta' Sannat li se jitpoġġa fid-daħla tar-raħal Ghalhekk issa l-isem ta' Sannat bil-ġebel jista jiġi ordnat għax diġa kienu nġabru tlett kwotazzjoni meħtieġa.

59.3.9 Is-Sindku qal li s'issa kellu kummentti pożittivi minn naħa tar-residenti ta' Sannat u nies oħra fuq il-materjal u pavimentar tal-pjazza. Il-Kunsilllier Bajada qal li issa li se tkun one way, ma jsirx parking in-naħa tal-każini għax tinħoloq konġestjoni. Is-Sindku qal li jridu jitwaħħlu kameras u tiġi kkuntrollati mill-LESA.

## 59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.4.1 Is-Sindku beda l-kommunikazzjoni fuq nota pożittiva, billi qal li l-kunsill ħa l-fondi (madwar 10k) rigward il-kameras tas-sigurta. Issa l-inġinier beda l-proċess biex jipprepara l-BOQ's u eventwalment joħorġu t-tenders u jiġu nstallati.. Il-kameras ħa jeħlu fl-entratura tar-raħal fejn ġie rrimarkat li qed isir xi abbuż min xi xufiera tal-karozzi, kameras fi pjazzetta Cocco Palmieri, kameras fl-akkwati Ta' Seguna fejn qed isir abbuż ta' skart, kameras tal-Gruwa, u anki kameras fi Triq il-kbira. Huwa maħsub li jiġu nstallati 12 il-kameras tas-sigurta, pero irid joħroġ it-tender u jkunu jistew jaraw kemm il-kamera tista tinxtara u tiġi nstallata. Id-daħliet tar-raħal u l- pjazzez huma prijorita għas-sigurta. Dawn il-kameras se jkunu kkontrollati mill-LESA.

59.4.2 Is-Sindku qal li l-kunsill applika għal-Christmas Market u ngħata s-somma ta' 8000ewro mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li se jissuġerixxi biex jistiednu lill-kor tat-tfal tal-parroċċa biex ikunu ta' attrazzjoni, u naturalment se jkun hemm Cash & Band li diġa huma bbukjati u naraw kif dan nil-market jista jikber. L-Aġent segretarja, ġibdet l-attenzjoni, li meta jiġu organizzati dawn l-attivitajiet importanti li ma jaqbzux il-budget allokat.

59.4.3 Rigward procurement, il-kunsill evalwa l-offerti mitfewha tat-tenders maħruġa. Kien hemm tender tal 'Framework Agreement for Paving Works in Sannat', liema tender kien hemm żewġ offerti mitfuha, waħda minn Gatt Tarmac Ltd u l-oħra minn GN Developments Limited. Iż-żewġ offerti kienu technical compliant u within Budget, b'Gatt Tarmac tkun ta' €148.100.00 u GN Develoments €203.268.50. Gatt Tarmac kienet l-irħas offerta u għalhekk ġie aġġudikat it-tender.

59.4.4 Fuq pavimentar, is-Sindku qal li trid isir talba lill-Ministeru għal Ġħawdex rigward il-pavimentar li baqa żejjed mill-proġett tal-Pjazza San Franġisk. Dan il-pavimentar jista jintuza fil-proġett tal-ġibjun fost l-oħrajn. Is-Sindku semma li t-tender ikopri l-ispejjeż tat-tqattieħ u s-segar tal-madum, u għalhekk dan il-pavimentar jista jinqasam fi tliet biċċiet mingħajr spejjeż addizzjonali.

59.4.5 Il-kunsill irid iġedded L-applikazzjoni tal-proġett ta' Cocco Palmieri u jiġi amendat mal-DPF biex jinkludu s-service culvert madwar il-pjazzetta. Liema applikazzjoni se jsir fil-jiem li ġejjin. Trid isir applikazzjoni wkoll għal-proġett tal-Belvedere ta' 28 t'April billi jitħawwlu siġar, arbuxelli minn fondi tad-DPF (Development Planning Fund). Il-pavimentar se jkun l-istess li intuża għal-proġett tal-pjazza San Frangisk, liema talba se jsir lill-Ministeru għal Għawdex.

59.4.6 Rigward it-tenders marbuta mal-każin tal-banda, kien hem tliet tenders maħruġa. Tender li kienet fuq l-acoustic Panels li kien hem offerta waħda minn naħa ta' Formosa Woodworks and Gypsum works għas-somma ta' €937.60. L-offerta kienet technical compliant u within budget u għalhekk ġiet aġġudikata. Ħarġet tender oħra rigward il-Gypsum u Wall paper, li kien hemm żewġ offerti, waħda minn Formosa Woodworks and Gypsum Works għas-somma ta' €8,714.24 u oħra mingħand B to Wall Ltd. Għas-somma ta' €24,700.75. L-offerta ta' Formosa Woodworks and Gypsum kienet technical compliant u within budget waqt li l-offerta ta' B to Wall Ltd. Kienet technical compliant pero over budget. L-aħħar tender kienet fuq Carpentry works li kien hemm offerta waħda mingħand Formosa Woodworks and Gypsum li kient technical compliant u within budget. L-offerta hija ta' €30,940.00. Is-Sindku qal li mportanti li sa l-aħħar tas-sena l-proġett li jikkonċerna s-sala tal-każin tal-banda jitlesta għax inkella jintilfu l-fondi. Siġġijiet għas-sala diġa ġew mixtrija, x-xogħol fuq l-air conditions, wiring u plumbing kważi kollu lest. Il-kunsill se jibda jitlob biex jingħata parti mill-fondi allokati.

59.4.7 Is-Sindku qal li lbieraħ attenda seminar mtella mill-Victims Support Agency. Huma talbu jekk il-kunsilli lokali jridux jipparteċipaw f'xi progetti flimkien ma din l-agenzija. Is-Sindku qal li ssuġerixxa xi ħaġa b'differenza, billi jittelew short sketches mill-għaqda drammatika Sannat li jittrattaw każijiet ta' xi ħadd vittma u jrid is-support. Eventwalment dawn jintuzaw għal-fini ta' promozzjoni, u jkun hemm renumerazzjoni ta' l-isketches mtella. L-aġenzija qallet ukoll li fis-27 ta' Frar huwa l-world victim support day u s-sindku qed jissuġerixxu li tittella attivita fl-iskola ta' Sannat l-Ħadd 26 ta' Frar, fejn jiġu murija dawn l-isketches, pasta night, tittela dramm live b'xi każ partikulari u talk min xi membri ta' l-aġenzija. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta biex l-kunsill jidħol għal dan il-proġett, u s-sindku għalhekk se jkellem lill-membri ta' l-għaqda drammatika Sannat fuq din il-proposta, u saħaq li jrid ikun hemm direttur li qed jiġi ssuġeriet li jkun is-Sur George Mizzi.

59.4.8 Is-Sindku qal li l-kunsill rċieva l-permess tal-kalkara wara li Lands taw no objection u l-awtorita ta' l-ippjanar harġu l-permessi meħtieġa. Din it-tender kient ġiet aġġundikata minn Gatt Tarmac Limited minn fondi tal-LESA.

59.4.9 Is-Sindku qal li ġie kkuntatjat minn kunsillier u s-segretarja tal-kunsill ta' Haz-Żebbuġ li jridu jorganizzaw ġita Għawdex fit- 3 ta' Novembru u jridu jiġi fir-raħal ta' Sannat. Is-Sindku qal li ma jsibx oġġezzjoni biex jikkopera u tiġi organizzata din il-ħarġa kulturali. Il-kunsill irid ikellem lill-arċipriet biex isir quddiesa filgħodu, imbagħad ikun hem waqfa għal-kafe fil-każin tal-banda, bil-kunsill jipprovdi kafe u xi pastizzi bħala turija ta' ospitalita. Wara l-grupp imur Ta' Ċenċ u postijiet oħra ta' interess madwar ir-raħal. Il-kunsillier Bajada qal li r-raħal ta' Sannat għandu konnessjoni mar-raħal ta' Ħaż- Żebbuġ fejn tidħol ilk-festa, fejn anki fil-passat ġiet mistiedna l-banda tagħhom biex idoqq fil-festa ta' Santa Margerita.

## 59.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

59.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

59.5.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 59.6 Komunikazzjoni

59.6.1 L-Aġent Segretarja Eżekuttiv bdiet billi qalet li se tibda tingħata l-vaċċin ta' l-influwenza. Din se tingħata wara nofsinhar għal-fatt li l-vaċċini se jiġu minn Malta filgħodu u hekk jiġi evitat li dawn iridu joqogħdu jitpoġġew fil-fridge. Dawn il-vaċċini se jingħataw min-nurse Roseanne Attard.

59.6.2 Is-segretarja qallet li bdew jinġabru d-disinni tad-dwal relatati mat-tiżjin tal-Milied fit-toroq. Is-Sindku saqsa jaqblux isir xi tiżjin fil-pjazza, pero dan jiddependi mill-iżvolġiment tal-proġett tal-pjazza.

59.6.3 L-Aġent segretarja qalet li l-kunsill rċieva talba minngħand l-Agriculture Rural Agency biex tiġi rritornata s-somma €618.49 mill-pre-payment tal-miżura 4.4 għal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Il-kunsill qabel unanimament.

59.6.4 Rigward Il-kontijiet tal-pjazza li ġew approvati fil-laqgħa preċedenti, l-kunsill rċieva l-flus u dawn se jitħallsu. Il-kunsill rċieva kont ta' €439.31 li l-kunsill irid iħallas għax xahar ta' Awwissu u Settembru lill-AIS Environment Ltd fuq -Archeological Monitoring. Is-Sindku qal li issa l-archeological monitoring ma baqax bżonnu ħlief forsi meta jinqalew il-planki li hemm fuq il-ġibjun. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq id-dewmien biex dan il-ġibjun jiġi eskavat, bis-Sindku jwieġeb li l-perit għamel bill of quantity u għadu qed jistenna stima tax-xogħlijiet mingħand il-kuntrattur. SEH iridu jkunu on-site biex josservaw ix-xogħlijiet konċernati. Il-kunsill rċieva kont €708 ta' Xerri's Lanscaping li se jiġi approvat illum fil-laqgħa.

59.6.5 L-aġent segretarja qalet li l-kunsill qed jiċċelebra pink October billi ġie mixgħul dawl fuq il-Kalkara. Kunsillieri saqsew li dan id-dawl ma rawhx jixgħel u għalhekk il-kunsill se jara ma min hu responsabbli.

59.6.6 Il-kunsill rċieva korrispondenza fuq informazzjoni ta' proġetti tal-kunsill Lokali marbutin ma' fondi Ewrepej.

59.6.7 Il-kunsill rċieva wkoll cirkulari bl-isem 'Empowering Collaborative innitiatives with Local Council-Empowering our communities'.

59.6.8 Ċirkulari oħra ġiet mibgħuta mill-aġenzija Support – 'Expression of Interest for the provision of medical assessment services'. L-aġent segretarja saqsiet hawnx xi berġa f'Ta Sannat, bis-Sindku jwieġeb li hawn waħda pero l-istruttura tagħha qed jgħidu li hi kkundannata, bil-kunsill jitlob rapport mingħand il-perit.

59.6.9 Cirkulari oħra li jsemmew jinkludu;
'Mapping and monitoring of Posidonia Oceanica' –Closing Event.
'Review of cemeteries policy and design guidelines',
'Local Goverment reform assistance works stream 4 in EU initiatives'
'Advance Enterprise Risk Management Award'
'NCEP Training to Regional and local council' – L-aġent segretarja se tattendi l-kors fl-10 ta' Novembru.

59.6.10 Il-kunsill permezz tas-Sindku u l-aġent segretarja kellhom laqgħa mar-Reġjun t'Għawdex fuq il-'Call for participation in the European Region of Gastronomy 2026', fejn ir-reġjun se jkun qed jibbidja biex Għawdex ikun il-Belt Ewropeja tal-Gastronomija fl-2026.

59.6.11 Il-kunsill rċieva imejl minn naħa ta' Explore Malta, u l-aġent segretarja u s-Sindku tkellmu mas-Sur Peter Ray. Explore Malta ħa jagħmlu tip ta' 'app' fejn xħin tasal fejn postijiet interessanti, tidħol f'din l-app u tkun tista tirċievi nformazzjoni relatata ma' dak il-post partikulari, kemm bil-lingwa Maltija u kif ukoll bl-Ingliż. Is-Sindku qal li hu jissuġerixxi li jkellmu lis-Sur George Azzoppardi arkeoloġist, li hu ntiż ħafna fis-suġġett u għandu materjal ta' informazzjoni lesta. Rigward Peter Ray, is-sindku qal li rċieva imejl mingħandu Peter Ray, manager tar-Reġjun t'Għawdex, rigward li se jsir laqgħa fuq l-'Anti-racism' u qed ifittxu sala fejn jistew itellew laqgħa fuq dan is-suġġett. Is-sindku qal li l-kunsill jista jipprovdi s-sala ta' fuq u anki dak inhar jipprovdi l-affarijiet għal waqfa tal-kafe'.

59.6.12 L-aġent segretarja qalet li l-kunsill rċieva imejl mingħand l-Korporazzjoni ta' l-ilma fuq stima ta' 'trenching' ta' Triq Xaman u Triq Dun Lazzru Camilleri, liema stima tammonta għal €376,391.03. Il-kunsill se jkellem lill-perit. Rigward Triq Xaman, is-Sindku qal li qed jistennew l-permess mingħand Transport Malta biex ikun jista jibda x-xogħlijiet. Se jgħaddu żewġ mains ta' l-ima wieħed kull naħa, u se jgħaddu sistema ta' dranaġġ adekwat.

59.6.13 L-aġent segretarja għamlet referenza għal cirkulari li nbagħtu b'imejls lill-kunsillieri

12 ta' Settembru 2023 – Cir AKL 2023/077 – 'It's How You Make Them Feel...? Customer Care Course 03/10/2023
12 ta' Settembru 2023 – Cir AKL 2023/078 – Contract Management and Project Implementation Course 07/11/2023
05 ta' Settembru 2023 – Cir AKL 2023/079 – ECAD Newsletter September '23
06 ta' Settembru 2023 – Cir AKL 2023/080 – Notifika fuq ġbir tal-iskart fuq il-mezzi soċjali

11 ta’ Settembru 2023 – Cir AKL 2023/081 – National Bicycle Ride – 24th September
19 ta’ Settembru 2023 – Cir AKL 2023/082 – Notifika fuq ġbir tal-iskart fuq il-mezzi soċjali 21/09/2023
25 ta’ Settembru 2023 – Cir AKL 2023/083 – ‘It’s How You Make Them Feel...?’ Customer Care course 03/10/2023
01 ta’ Ottubru 2023 – Cir AKL 2023/084 – MAARES Closing Event – Invitation
27 ta’ Settembru 2023 – Cir AKL 2023/085 – Laqgħat Skemi ta’ parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f’ Malta u Għawdex. Il-Formola tal-applikazzjoni
02 ta’ Ottubru 2023 – Cir AKL 2023/086 – President’s Fun Run 2023
05 ta’ Ottubru 2023 – Cir AKL 2023/087 – OPEN CALL for members – Integrating Generative AI in Adult Education: Empowering Teachers, Trainers and Facilitators
05 ta’ Ottubru 2023 – Cir AKL 2023/088 – Espressjoni ta’ interess miftuħa għall-kunsilli lokali
09 ta’ Ottubru 2023 – Cir AKL 2023/089 – Micro-learning online course on Visual Media Literacy

59.6.14 L-aġent segretarja imliet survey mingħand il-Gozo Regional Council- IT Section.

## 59.7 Ilmenti u Suġġerimenti

59.7.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq id-Daħla tac-Cnus fejn ilmenta rigward ħofra perikoluża maġenb tappiera.

59.7.2 B’ referenza għall-ilment numru 30/2023, residenta li toqgħod fi Triq Paranji ilmentat rigward ir-rampa tal-bankina tad-dar li qed tinkiser peress li l-karozza qed tħokk il-qiegħ. Din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

59.7.3 B’ referenza għall-ilment numru 31/2023, resident li joqgħod fi Triq Ta’ Saguna qed jitlob li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

59.7.4 L-Arċipriet bagħat imejl bir-ritratti rigward ilma li qed jidħol fil-kamra tal-Katekiżmu. Huwa talab li din il-problema li ilha għaddejja tul dawn l-aħħar xhur tiġi risolta sabiex ma tinħoloqx aktar ħsara u aktar inkonvenjent. Is-Sindku qal li l-periti rispettivi nteqew u din ġiet solvuta, probabilment kien għaddej xi xogħlijiet f’residenza privata u kien għadu mhux lest.

59.7.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand instructor tal-fitness u yoga fejn staqsiet jekk il-kunsill huwiex interessat li joffri is-servizz tagħha lil kommunita.

59.7.6 Diversi residenti ilmentaw rigward gate fi Triq Ras in-Newwiela. Din il-gate ġiet irrapurtata lil Planning Authority.

59.7.7 B’ referenza għall-ilment numru 32/2023, resident ilmenta li waqt il kien għaddej min Triq Dun Xand Aquilina kienet nieżla karozza u kienet kważi laqtitu peress li l-bankina kienet mimlija pjanti li kienu qed jostakolaw l-bankina. Huwa talab li dawn jitneħħew. Il-pulizija tal-kommunita ser tmur tkellem lir-resident konċernat.

59.7.8 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti min l-*Gozo Team Inspection – Local Government Division* rigward diversi postijiet u affarijiet madwar ir-raħal li għadhom bżonn manutenzjoni fosthom fil-Playing Field, Is-Sindku se jċempel lill-kuntrattur ta' l-għaqda ta' l-armar u se jsir spezzjoni on-site fuq xi perikli eżistenti.

59.7.9 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti rigward ħass li hemm fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini (slip way etc.) fejn saħansitra anke weġġgħu xi nies li jiffrekwentaw l-istess bajja. Il-Kunsill bagħat imejl fejn talab l għajnuna tad-dipartiment tal-MGOZ sabiex din il-problema tiġi solvuta mill-aktar fis possibbli.

59.7.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward xogħol ta' patching li hemm bżonn fi Triq Dun Lazzru Camilleri.

59.7.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward xogħol ta' patching fi Triq Tal-Lewz.

59.7.12 B' referenza għall-ilment numru 33/2023, resident li joqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri ssuġerixxa li l-bankina tar-residenza ta' maġenbu titbaxxa, minħabba li sar inċident dan l-aħħar. Il-kunsill qabel li jinteqew mar-resident in partikulari u jitkellmu fuq it-talba tiegħu.

59.7.13 Resident li joqgħod fi Triq ġdida fi Triq Xagħman talab li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu.

59.7.14 B' referenza għall-ilment numru 34/2023, persuna ssuġġerit li jitranġa reflector li hemm fi Triq ix-Xewkija li ma għadux juri.

59.7.15 Il-kunsill rċieva lment li parti mis-Sqaq Dun Anastas qed tiżloq għal-fatt li l-isqaq hu dejjaq u jdawru l-karozzi biex joħorġu u l-konkos illixxja. Is-Sindku kellem lill-perit, fejn issuġerixxa xi tip ta' materjal apposta biex ma jkunx jiżloq. Is-Sindku se jfittex biex jara ssibx dan it-tip ta' materjal mill-ħwienet ta' l-Ironmongery.

59.7.16 Is-Sindku qal li propju lbieraħ, resident ġie l-kunsill biex jirraporta tappiera 60x 60 fi Triq Sannat li tkissret waqt xogħol ta' kostruzzjoni. Il-kunsill se jbiddel din it-tappiera, u jintbagħat il-kont lis-sid tal-post għal-ħlas konċernat**.**

## 59.8 Attivitajiet

59.8.1 Se jittella l-'Għana Fest' fit -28 t'Ottubru fejn se jkun mistieden is-Super Star u sħabu. Dak inhar l-għaqda drammatika se torganizza pizza night. Posters se joħorġu fil-ħin li ġej, u s-sindku se jinforma lill-kunsillieri permezz tac-chat.

59.8.2 Il-kunsill se jorganizza l –World Children's Day fid-19 ta' Novembru. Fil-laqgħat preċedenti, l-kunsill qabel li din isir fil-pjazza ta' Ċenċ, pero beda x-xogħol fi Triq Skerla fejn se jgħaqdu l-ġibjun l-ġdid u l-ġibjun l-qadim, u għalhekk jista jkun hemm xi trenching ħierġa fil-pjazza ta' Ċenċ f'dik id-data. Is-Sindku qal li post alternattiv jista jkun Pjazzetta Cocco Palmieri. Il-kunsillier Tewma ssuġerixxa l-grawnd ta' l-iskola, bil-kunsill se jara din il-possibilta wkoll.

## 59.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 9/2023

59.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru.9/2023 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Aġent Segretarja tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill- Viċi Sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 59.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-3.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it- Tlieta 14 ta’ Novembru, fil-5.30 pm

Konfermati, illum 14 ta’ Novembru, 2023

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Marie Josette Vella Magro |
| Sindku | Aġent Segretarja |